**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Paul Camilleri)**

**vs**

**Justin Degabriele**

**Illum, 15 ta' Gunju 2019**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra:

> "**Justin Degabriele**, detentur tal-karta tal-identita' bi numru 331197(M)
>
> U nakkuzah talli nhar it-13 ta Gunju 2019, waqt li kont gewwa Triq Is-Sultan, Paola, għall-ħabta ta' 20:30 ta' filghaxija:

1. Minghajr il-hsieb li toqtol jew li tqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkagunajt feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' **Jason Zammit,** detentur tal-karta tal-identita Maltija 557874M, skond kif iccertifika Dr. Patrick Galea bin-numru tar- registrazzjoni 3481 tac-Centru tas-Sahha ta' Paola;

2. Insulentajt, heddidt jew ingurjajt bi kliem jew b'mod ieħor lil **Jason Zammit**. Art.339(1)(e) Kap.9 tal-Ligijiet ta Malta.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex titratta mal-akkuzat bhala ricediv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li tohrog Ordni ta' Protezzjoni, inklusa fil-mori tal-kawza kontra Justin Degadriele beneficcju ta' Jason Zammit, dan fit-termini tal-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta Malta,

Il-Qorti hija gentilment mitluba wkoll li f'kaz ta' ħtija, biex tipprovdi għall-Jason Zammit jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli għar-reat, torbot lil Justin Degadriele b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' somma ta' flus li tigi ffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 382A u 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, għal zmien li tħoss xieraq.

Il-Qorti hija gentilment mitluba f'kas ta' htija li tohrog Ordni ta' Trattament, ghal beneficju ta' Justin Degadriele, dan fit-termini tal-Artikolu 412D tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

l-Qorti hija finalment ġentilment mitluba li f'każ ta' ħtija, minbarra li tinflinġi l-pieni stabbiliti mill-Liġi, tordna lill-imsemmi Justin Degabriele sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, jekk ikun il-każ, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Filwaqt li nesebixxi, fedina penali, certifikat ta' twelid, stqarrija ta' l-imsemmi Justin Degadriele, kif ukoll ir-rapport tl-Puliizija w nitlob li dan il-kaz jigi investigat skond il-ligi."

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet l-ammissjoni tal-imputat;

Tat zmien ragonevoli lill-imputat sabiex jirrikonsidra l-ammissjoni tieghu;

Rat li waqt l-udjenza tal-lum mizmuma minn din il-Qorti l-imputat Justin Degabriele rega' afferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti tatu zmien jirrikonsidra l-posizzjoni tieghu;

Rat il-verbal tal-udjenza tal-lum stess;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

Ikkunsidrat:

Illi stante ammissjoni l-akkuzi jirrizultaw pruvati u ghaldaqstant il-Qorti ma tistax hlief issib htija fl-imputat;

Illi dwar il-piena li ghandha tigi mposta, din il-Qorti mhux biss qed tqis l-ammissjoni ta' l-imputat fi stadju bikri tal-proceduri, izda qed tqis ukoll il-gravità tar-reati minnu kommessi, kif ukoll ic-cirkostanzi partikulari li taw lok ghal dan il-kaz, kif ukoll il-fedina penali tal-imputat.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-Artikoli 49, 50, 214, 216, 218, 339(1)(e), tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li kkunsidrat l-ammissjoni bikrija tal-imputat, fuq ammissjoni ssib lill-imputat Justin Degabriele hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkunsidra li piena effettiva ta' prigunerija ma hiex idoneja ghall-kaz in ezami, u ghalhekk, wara li rat l-Artiklu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, qed tpoggi lill-imputat taht Ordni ta' Probation ghal zmien tlett snin mil-lum, f'liema zmien l-imputat ghandu jkun segwit u jinghata l-ghajnuna mehtiega anke dik professjonali li jirrizulta li ghandu bzonn wara evalwazzjoni appozita.

U ai terminu tal-Artiklu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed tpoggi lill-imputat taht Ordni ta' Trattament ghal zmien tlett snin mil-lum, f'liema zmien ghandu jsegwi wkoll anger management programme sabiex jindirizza din il-problema.

Il-Qorti qeghda Tohrog ukoll Ordni ta' Protezzjoni a favur ta' **Jason Zammit** ghal zmien tliet snin mil-lum ai termini ta' l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat fi kliem car lill-imputat l-import u konsegwenzi ta' din is-sentenza u x'jigri f'kaz li ma jottemporax ruhu ma' din is-sentenza.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur